# Ġabra tal-ġurisprudenza

**Sentenza tal-Qorti Ġenerali (Ir-Raba' Awla) tal-21 ta' Novembru 2018 – Bopp vs EUIPO (Rappreżentazzjoni ta' ottagonu ekwilaterali)**

**(Kawża T-460/17)**

"Trade mark tal-Unjoni Ewropea – Applikazzjoni għal trade mark tal-Unjoni Ewropea figurattiva li tirrappreżenta qafas ottagonali blu – Raġuni assoluta għal rifjut – Karattru distintiv – Artikolu 7(1)(b) u Artikolu 75 tar-Regolament (KE) Nru 207/2009 (li saru l-Artikolu 7(1)(b) u l-Artikolu 94 tar-Regolament (UE) 2017/1001)"

1. *Trade mark tal-Unjoni Ewropea – Definizzjoni u kisba tat-trade mark tal-Unjoni Ewropea – Raġunijiet assoluti għal rifjut – Trade marks li ma humiex ta' karattru distintiv – Trade mark figurattiva li tiarrapreżenta qafas ottagonali blu*

   *(Regolament tal-Kunsill Nru 207/2009, Artikolu 7(1)(b))*

   *(ara l-punti 51-53, 63, 64, 66)*

2. *Trade mark tal-Unjoni Ewropea – Definizzjoni u kisba tat-trade mark tal-Unjoni Ewropea – Raġunijiet assoluti għal rifjut – Eżami separat tar-raġunijiet ta' rifjut fir-rigward ta' kull wieħed mill-prodotti jew servizzi msemmija fl-applikazzjoni għal reġistrazzjoni – Obbligu ta' motivazzjoni ta' rifjut ta' reġistrazzjoni – Portata*

   *(Regolament tal-Kunsill Nru 207/2009, l-ewwel sentenza tal-Artikolu 75(1))*

   *(ara l-punti 54-56)*

3. *Trade mark tal-Unjoni Ewropea – Dispożizzjonijiet proċedurali – Eżami ex officio tal-fatti – Reġistrazzjoni ta' trade mark ġdida – Raġunijiet assoluti għal rifjut – Oneru tal-prova*

   *(Regolament tal-Kunsill Nru 207/2009, Artikoli 7(1) u 76(1))*

   *(ara l-punt 60)*

4. *Trade mark tal-Unjoni Ewropea – Deċiżjonjiet tal-Uffiċċju – Prinċipju ta' ugwaljanza fit-trattament – Prinċipju ta' amministrazzjoni tajba – Prassi deċiżjonali preċedenti tal-Uffiċċju*

   *(Regolament tal-Kunsill Nru 207/2009)*

   *(ara l-punt 65)*

5. *Trade mark tal-Unjoni Ewropea – Definizzjoni u kisba tat-trade mark tal-Unjoni Ewropea – Evalwazzjoni tal-karattru reġistrabbli ta' sinjal – Teħid inkunsiderazzjoni tal-unika leġizlazzjoni tal-Unjoni – Deċiżjonijiet mogħtija mill-awtoritajiet nazzjonali li ma jorbtux il-korpi tal-Unjoni*

*(Regolament tal-Kunsill Nru 207/2009)*

*(ara l-punt 69)*

**Suġġett**

Rikors ippreżentat kontra d-deċiżjoni tar-Raba' Bord tal-Appell tal-EUIPO tat-8 ta' Mejju 2017 (Każ R 1954/2016-4), dwar applikazzjoni għar-reġistrazzjoni ta' sinjal figurattiv li jirrappreżenta qafas ottagonali blu bħala trade mark tal-Unjoni Ewropea.

**Dispożittiv**

1) Ir-rikors huwa miċħud.

2) Carsten Bopp huwa kkundannat għall-ispejjeż.